MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 908/2011

**Consiglio u Rita konjuġi Abela bħala kuratriċi *ad litem* tal-minuri Laurence-Mario Abela**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-15 ta' Settembru 2011 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

Illi l-minuri Laurence-Mario twieled nhar it-28 ta' April tas-sena 1995 u t-twelid tiegħu ġie reġistrat b'att numru elf tmien mija u tnejn u sittin (1862) tas-sena 1995 (kopja hawn annessa u mmarkata Dok 'A');

Illi minkejja li l-minuri ġie reġistrat bl-isem ta’ Laurence-Mario, minn ftit jiem wara d-data tat-twelid tiegħu, il-minuri beda jissejjaħ bl-isem ta’ ‘Laumar’;

Illi minn meta twieled, il-ġenituri tiegħu, nanniet, zijiet u l-ħbieb tiegħu dejjem jafuh u jsejħulu bl-isem ta’ ‘Laumar’;

Illi dan l-isem ta’ ‘Laumar’, huwa rifless fil-Griżma tal-Isqof, fiċ-ċertifikati kollha tal-iskola, fil-premijiet li l-minuri rċieva fl-attivita’ ta’ sports li huwa jipprattika u fiċ-ċirku soċjali ta’ Ħal Għaxaq;

Illi r-rikorrenti jixtiequ illi dan it-tibdil fl-isem jiġi rifless fl-att tat-twelid tal-minuri.

Jgħid għalhekk l-intimat prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, inkluż billi tordna l-pubblikazzjoni ta’ l-avviż fil-Gażżetta tal-Gvern *a tenur* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta, għaliex din l-Onorabbli Qorti m’għandhiex:

1. Tiddikjara *a tenur* ta’ l-Artikolu 253(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta li l-minuri Laurence-Mario kien konsistentement imsejjaħ u magħruf bl-isem ‘Laumar’ u mhux bl-isem Laurence-Mario kif jidher fl-Att tat-Twelid numru 1862/1995;

2. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jikkoreġi t-tielet kolonna tal-Att tat-Twelid numru 1862/1995 billi l-isem tal-wild li bħalissa juri l-kliem ‘Laurence-Mario’ jiġi mibdul bl-isem propju *ossia* ‘Laumar’.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ppreżentata fis-26 ta’ Ottubru 2011, li permezz tagħha eċċepixxa:

Illi *in linea* preliminari jingħad illi huwa meħtieġ li talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Illi għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv però li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

Illi madankollu f'dan l-istadju l-esponent umilment jirrileva li d-dokumenti li ġew esibiti mir-rikorrenti nomine flimkien mar-rikors ġuramentat, waħidhom, mhumiex biżżejjed biex jipprovaw li l-isem ta' Laurence-Mario Abela huwa magħruf bħala Laumar kif hekk jeżiġi l-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk magħdud mal-imsemmija dokumenti r-rikorrenti jrid iressaq xhieda affidabbli *viva voce* jew tippreżenta affidavits ta' familjari li għandhom jikkonfutaw it-teżi tiegħu ossia li tul ħajtu huwa kien konsistentement msejjaħ bħala Laumar u mhux Laurence-Mario;

Illi finalment mingħajr ħsara għall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti ma hijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti, tenut kont ukoll tal-fatt li kien missier ir-rikorrenti stess, Consiglio Abela li kien għamel id-dikjarazzjoni fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti Laurence-Mario li jġib in-numru ta' iskrizzjoni 1862 tas-sena 1995 u kien anke ffirma li l-informazzjoni li hemm kontenuta kienet waħda korretta;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi inġunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits;

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Jannar 2012 fejn il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi qed jagħmlu din it-talba *ai termini* tal-Artikolu 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja, korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat Ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artiklu 254 saret debitament.

Illi t-talba attriċi fir-rigward isimha hija evidentement ġustifikata billi l-minuri iben l-atturi dejjem kienet magħruf bħala **Laumar** u mhux kif indikat fiċ-ċertifikati in kwistjoni. Jidher pero' li l-konvenut ma jaħtix għall-iżball u għalhekk m'għandux ibati spejjeż.

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi kif dedotti.**

**L-ispejjeż tal-kawża ikunu a kariku tal-attur stess.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------